# Opri Sagri fil-Knisja Arċipretali ta' San Filep f'Ħaż-Żebbuġ



**minn Mario Fenech**



Il-Knisja Arċipretali ta' San Filep f'Ħaż-Żebbuġ hija waħda minn dawk il-knejjes li fiha niltaqaw ma' għadd kbir ta' opri sagri li għandhom importanza kbira fl-istorja tal-arti f' Malta. Dawn l-opri jvarjaw minn kwadri ta' artisti kbar u magħrufa, arġenterija kemm dik maħduma f'Malta kif ukoll dik li nġiebet minn barra minn Malta, skultura fl-injam u fil-ġebla Maltija, kif ukoll xogħol ta' rakkmar bil-ħajt tad-deheb. Huwa ferm diffiċli biex issemmi dak kollu li hemm f'din il-knisja, għaldaqstant ser nillimita din il-kitba tiegħi dwar uħud minn dawn l-opri sagri.

Wieħed mill-altari li jolqot l-għajn f'din il-knisja huwa dak tal-Erwieħ. Din il-kappella saru fiha diversi tibdiliet tul is-snin. Nafu skond il-kitba li nsibu fl-arkivju ta' din il-knisja li x-xogħol ta' tibdil f'din il-kappella kien beda għall-ħabta tas-sena 1736. Fl-1737 ġiet imniżżla l-faċċata u sakemm sar ix-xogħol tat-tkabbir id-daħla għal din il-kappella kienet ġiet magħluqa bl-injam. L-imgħallmin li mexxew ix-xogħol kienu Salvu Micallef u Wenzu Psaila. Ix-xogħol sabiħ ta' skultura li naraw fuq dan l-altar dam jinħadem erba' snin u skond l-istess reġistru tal-knisja, dan ix-xogħol tlesta f'Lulju tas-sena 1741, jiġifieri l-iskultura damet tinħadem erba' snin. Intefqet is-somma ta' 713-il skud biex saret, fil-waqt li x-xogħol tal-bini sewa 686 skud.



Fis-sena 1780 l-artist Rokku Buhaġiar għamel id-disinn ta' l-altar ta' din il-kappella. Nħadem minn Anton Nicolas u sewa s-somma ta' 900 skud. Għall-istess altar saru l-Karti tal-Glorja li swew 325 skud u nħadmu mill-imgħallem Miceu, il-gwarniċ tal-

ventaltar li sar mill-arġentier Marozz Schembri fl-1797 u li sewa s-somma ta' 1135 skud u l-lampier tal-fidda li sar fl-1819. Dawn l-opri saru bil-ġbir li kien sar fost il-poplu ġeneruż tar-raħal.

Ir-raħal ta' Ħaż-Żebbuġ lejn l-ewwel snin tas-seklu sbatax kien imfittex minn ħafna familji għonja ta' dak iż-żmien. Dan il-fatt nistgħu nikkonfermawh mill-għadd kbir ta' djar kbar u sbieħ li hemm fir-raħal. Il-membri ta' dawn il-familji għonja kienu spiss iħallu xi legat lill-knisja jew jagħtu xi opra sagra bħala donazzjoni. Fost dawn l-opri nistgħu insemmu, l-kwadru li fih naraw l-ordinazzjoni ta' San Filep. Dan huwa xogħol li sar fis-sena 1753 mill-artist Francesco Zahra u kien irregalah lill-knisja mingħajr ħlas. Ftit taż-żmien wara l-istess artist kien ġie mqabbad biex ipitter il-kwadru tal-mewt ta' San Filep.

Fis-sena 1752 il-qassis Dun Baskal Azzopardi kien ħareġ il-flus biex sar l-arloġġ il-ġdid tal-knisja li kien sewa s-somma ta' 95 skud. Dan l-istess Dun Baskal Azzopardi, għaxar snin wara jiġifieri fis-sena 1762, ħareġ 285 skud bħala parti mis-somma ta' 814 skud li kien ta lill-knisja, biex saru l-famużi kaxxerezzi bi skultura mill-isbaħ li hemm fis-sagristija. Dawn saru fuq disinn tal-artist Francesco Zahra. Qabel ma' tlesta dan ix-xogħol Dun Baskal kien laħaq miet, għaldaqstant ħuħ Gejtan kien ħareġ is-somma ta' 440 skud oħra għal dan ix-xogħol mill-wirt tal-istess Dun Baskal. Din l-għotja insibuha imniżżla fl-atti tan-Nutar Injazju Brignone tas-26 ta' Novembru 1761.



Ma' dawn il-ftit opri li semmejt hemm bil-wisq aktar x'wieħed jista jsemmi, iżda ma dawn ukoll wieħed ma' jridx jinsa jsemmi wħud minn dawk il-legati li kienu jinkitbu biex jitħallew lill-knisja biex permezz tagħhom ikunu jistaw isiru funzjonijiet reliġjuzi bżonnjużi għall-knisja importanti bħal ma hi dik ta' San Filep ta' Ħaż-Żebbuġ. Dwar dawn u aktar jekk il-Bambin jagħtini l-ħin meħtieġ nikteb fil-ħarġa ta' dan il-ktieb tas-sena d-dieħla. Sadattant nawgura IL-FESTA T-TAJBA LIL KULĦADD.